**90. Il-Prim Ministru jipproponi:**

MOZZJONI DWAR IL-ĦATRA TA' PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA

Billi skond id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 48 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandu jkun hemm President ta' Malta li jiġi maħtur b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

U billi skond is-subartikolu (3) tal-istess Artikolu tal-Kostituzzjoni l-kariga ta' President ta' Malta ssir vakanti fl-4 ta' April, 2009;

Għalhekk il-Kamra tad-Deputati bis-saħħa u għall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 48 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tirrisolvi li taħtar lid-Dottor George Abela President ta' Malta.

25.03.09